MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 114/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Brian Mallia** ta’ 29 sena, iben Louis u Alfrida *nee’* Borg, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Lulju, 1974, residenti f’fond numru 79, Triq Bajjada, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 321374(M) u ta’;

**Stephen Cucciardi** ta’ 33 sena, iben Vincent u Maria Stella *nee’* Azzopardi, imwieled Pieta’ nhar il-25 ta’ Lulju, 1970, residenti f’Blk 4, Flt 18, Triq San Pietru u San Pawl, Isla w detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 318570(M);

(1) Talli fl-Isla nhar is-6 ta’ Frar, 2004 ghall-habta tal-4.00p.m ikkomettew serq ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) fi flus kontanti, gojjelli u apparat elettroniku fosthom cable decoder, ‘Humax’ satellite decoder u playstation 2 li huma stmati li jiswew aktar minn elf lira

Maltin (Lm1,000), ghad-dannu ta’ Stephen Charles Kelly, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur;

(2) U aktar talli f’dawn l-ahhar jiem u qabel il-11 ta’ Frar, 2004, f’Malta xjentement laqghaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat ew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex jbieghhom jew imexxuhom.

(3) Barra nin dan akkuzati wkoll talli bl-istess cirkostanzi sirtu recedivi b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru defenittivi.

(4) Nakkuza lil Brian Mallia wahdu li ghamel rejat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza moghtija fl-24 ta’ Jannar 2003, liema sentenza ma tista’ tigi mhassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-avukat generali tal-21 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha iddeccieda li jibghat lill-imputat quddiem din il-Qorti sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz skond l-artikolu 370(a), (b), (c) u (e) tal-Kap 9;

Rat illi l-imputat iddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom ikun trattat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (verbal 7.10.2004)

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-ammissjoni hija wahda plawsibbli u kompatibbli mal-ammissjoni taghhom mal-Pulizija meta ttihditilhom stqarrija wara li kienu arrestati;

Ghalhekk issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) u (c), 263, 267, 278, 279, 334, 49, 50 fil-konfront taz-zewg imputati u l-artikolu 28 B Kap 9 fil-konfront ta’ Brian Mallia;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati;

Tiddeciedi fil-konfront ta’ Brian Mallia, billi huwa kien inghata sentenza ta’ prigunerija ghal-perjodu ta’ sena sospiza skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9 (moghtija fl-24 ta’ Jannar 2003), tirrendi dan il-perjodu ta’ sena prigunerija effettiv mil-lum, oltre li tikkundannah ghal-terminu ulterjuri ta’ prigunerija ta’ sitt xhur effettivi wara li jiskonta s-sena prigunerija fuq indikata;

Tiddecciedi fil-konfront ta’ Stephen Cucciardi billi tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur mil-lum u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jappogga l-inizjattiva tal-imputat sabiex jaghmel program residenzjali ghar-riabilitazzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------